MINUS ONE
Il-Grupp Malti li joffri Sapport lir-Romol
https://minusone.eu
info@minusone.eu

Volum 24
Ħarġa 10
Ottubbru 2021

# Attivitajiet Ottubru 2021

L-1 ta' Ottubru – 20.00. Eden Super Bowl. **Booking Louise Ebejer fuq 99239822.**

It-3 ta' Ottubru – Ġurnata Għawdex. Niltaqgħu ċ-Ċirkewwa u mmorru mal-vapur tad-09.15. Kif naslu nirkbu l-coach għar–Rabat fejn ikollna ftit ħin nieħdu kafé. Wara mmorru l-quddies Ta' Pinu, tal-11.15. Wara l-quddies naqbdu Calypso Train u mmorru nieklu Marsalforn fejn kulħadd ikun liberu jibbukkja fejn irid. Wara l-ikel, dawra oħra bil-Calypso Train fejn fl-aħħar immorru Għajnsielem u nirkbu l-coach għall-vapur tas-18.00 jew tas-18.15.

Se jkollna 2 vannijiet li jitilqu minn ħdejn l-Education fit-08.15.

**Din l-attività hija Fully Booked.**

It-8, il-15 u t-22 ta' Ottubru – 19.00-21.00. Education Board Room.

Taħdita fuq il-benefiċċji u r-romol ma' Ingrid Schembri. Minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid, għal kull laqgħa jistgħu jattendu biss 20 membru. **Booking ma' Maureen Tarpey fuq 79895387.**

Id-29 ta' Ottubru—20.00. Ikla għand ta' Klariċċ, ir-Rabat.  **50 persuna biss.**

Menu

Starters

**1.** Soppa. **2.** Penne pollo e funghi **3.** Baked Lasagna.

Main

**4.** Pork Loin. **5.** Baked Cerna. **6.** Chicken Marsala

Dessert

Cake

Tazza nbid jew tazza minerali kull persuna.

Prezz: €22 - **Booking permezz ta' SMS, Messenger jew WhatsApp lil Rita Attard fuq 79385677.  Importanti li jekk tibagħtu messaġġ, tiktbu l-isem.**

*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

**Ħbieb**, il-mewt tal-għeżież tagħna ġabet bidla drastika f'ħajjitna, bidla li ħadd minna ma xtaq li sseħħ. Bidla li rridu jew ma rridux, ladarba seħħet, kellna naċċettaw u ninbidlu. Bdilna l-mod ta' kif ngħixu u kif naħsbu fost bidliet oħra. Inbidel anke l-mod kif inħarsu lejna s-soċjetà u kif inħossuna aħna f'din is-soċjetà. Il-bidla b'mod ġenerali fid-dinja, f'dak kollu li jsawwar il-madwar tagħha se tibqa għaddejja kontinwament, anke jekk ma tkunx bidla li nkunu xtaqnieha. Il-bidla mhux se tieqaf tistenna lil min ilaħħaq mal-pass mgħaġġel tagħha.

Ma nafx jekk hix il-bidla li ġġib żviilupp jew hux l-iżvilupp li jġib il-bidla. Probabbli jimxu id f'id.

L-iżvilupp, fil-mod kif nikkomunikaw, ġab bidla kbira. Niftakar, li meta dħalt naħdem l-Education, kienu bagħtuni nagħmel xi xogħol fl-iskola primarja tax-Xgħajra. Lanqas biss kont naf fejn tinsab din l-iskola imma b'xi mod wasalt. Dak iż-żmien kont immur l-għassa tal-Puliżija biex inċempel u ninforma lil ta' fuqi li jien dħalt għax-xogħol. Illum mod ieħor. Niftakar ukoll meta ma kellniex email.  Kemm konna naħlu ħin niġru mingħand aġent għal għand l-ieħor biex niġbru l-istimi!

Niftakar lil missieri jistenna bil-ħerqa li jirċievi xi ittra mingħand ħija fl-Awstralja. Illum mod ieħor. Niftakar li kulħadd kien jistenna l-aħbarijiet tat-tmienja ta' filgħaxija sabiex jara xi jkun ġara fid-dinja jiem qabel, Illum kollox dirett, illum mod ieħor. Il-bidla li seħħet fil-mod ta' kif nikkomunikaw ma ġietx aċċettata minn kulħadd u jiena dan nifhmu. Mhux faċli l-aktar għal min ikun ilu għexieren ta' snin jagħmel l-istess affarijiet u f'daqqa waħda jkollu jibdel kollox.

Dik li kienet xi ħaġa normali issa spiċċat. Warrabna l-karti u l-pinen, warrabna l-envelops u l-bolol u issa kollox bil-mobile, tablet, laptop u bosta affarijiet oħra li nikkomunikaw bihom. Illum mod ieħor. Mur sib illum min jinstalla erjal tat-televiżjoni għoli xi żewġ siulari. Illum mod ieħor.

U min ma aċċettax din il-bidla jħossu maqtugħ għalih waħdu, l-aktar fiż-żmien terribbli li għaddejna minħabba l-Covid.  Irridu nammettu li per eżempu l-facebook iffaċilita ħafna l-mod ta' kif inwasslu messaġġ. Meta nikteb xi ħaġa fuq il-paġna tagħna, jiena moħħi mistrieħ li dak li nikteb wara ftit ħin se jkunu rawh kważi l-membri kollha tagħna. Però hemm min din il-bidla anke fil-mod ta' kif twassal messaġġ ma jridhiex, anke forsi għax ma jkunx daqshekk intiż fuq ċerti affarijiet. Jiena l-ewwel wieħed mhux dejjem inħossni komdu b'din il-bidla.

*Ikompli f'paġna 2*

Jiena ma nistax naċċetta li jkollna membru li jħossu waħdu għax ma jafx juża pc u dawk l-għodod li nużaw sabiex nikkomunikaw ma' xulxin. Lanqas ma nista' naċċetta lil min jirraġuna li l-medja soċjali qiegħda biss biex dak li jkun, ikun jaf fuq ħaddieħor jew biex inweġġgħu lil xulxin. In-nies li jagħmlu hekk huma nemmiesa li lanqas biss jimmeritahom li nsemmuhom aħseb u ara kemm se nħalluhom jiddettaw ħajjitna. Dari kienu joqogħdu wara xi purtella, iżda llum mod ieħor.

Meta ħlomt u ressaqt il-proposta tiegħi fil-kumitat sabiex insibu korsijiet basiċi dwar l-użu ta' din l-għodda kont ċert li se jaqblu miegħi kif fil-fatt għamlu. Grazzi lill-membru tagħna Charles Vassallo tal-għajnuna kbira li tani, kien strumentali. Dawn se jkunu lezzjonijiet serji ma' kumpanija serja u għalhekk nitlobkom li b'attenzjoni tieħdu minnhom dak kollu li tistgħu.

Għandna membri li jistgħu jagħtu daqqa t'id fit-tmexxija tal-grupp tagħna u dawn jistgħu iserrħu moħħhom li mhux se nħallihom kwieti. Għal dan il-għan, dalwaqt inwaqqfu numru ta' Sotto Kumitati. Il-grupp tagħna għandu jibqa jinbidel u aħna qatt m'għandna nibżgħu mill-bidla. Ejja ma nitilfux iċ-ċans li nitgħallmu affarijiet ġodda għax illum mod ieħor. Il-fatt li aħna romol ma jfissirx li għandna nieqfu ngħixu jew ma naġġornawx irwieħna mal-ħajja tal-lum. Ideat fuq xiex nistgħu naħdmu aktar għandna. Nisperaw biss li r-restrizzjonijiet li jkun hawn ma jwaqqfuniex milli niltaqgħu.




## Sotto Kumitati

Ħbieb, hija x-xewqa tiegħi u ta' sħabi fil-kumitat, li aktar membri jkunu involuti fit-tmexxija tal-grupp tagħna. Il-grupp kiber sew u għalhekk ix-xogħol kiber ukoll. Naqbel perfettament ma' sieħbi Joseph Farrugia meta jgħid li fil-grupp hemm ħafna talenti u jiena t-talenti tal-membri jinteressawni ferm. Għal dan il-għan se nkunu qegħdin noħolqu 4 Sotto Kumitati. Għalkemm aħna ltqajna għax f'ħajjitna daħlet il-mewt, jiena rrid grupp ħaj. Huma bosta dawk il-membri li joffru l-għajnuna tagħhom u jiena xogħli huwa li nara kif din l-għajnuna tista' tissarraf f'ġid għall-grupp tagħna. Illum, bħala Għaqda Volontarja rreġistrata, għandna ħafna u ħafna regolamenti li rridu nżommu magħhom. Qabel waqafna minħabba l-Covid konna qed nagħmlu evalwazzjoni tal-istatut. Konna diġà ddiskutejna xi tibdiliet proposti u kien hemm fejn qbilna u kien hemm fejn le. Dan hu s-sabiħ tal-grupp tagħna. Din l-evalwazzjoni se tibqa' għaddejja. Nixtieq ukoll li ssir evalwazzjoni tal-Kodiċi tal-Etika tal-Grupp. Dan is-Sotto Kumitat (1) se jkun immexxi minn John Trapani.

Sotto Kumitat ieħor se jkun fuq attivitajiet (2) dan se jkun immexxi minn Maureen Tarpey. Attivitajiet minn tagħna fejn jattendu 50, 60 jew 70 membru saru xi ħaġa komuni u għalhekk anke hawn ix-xogħol żdied. Barra minn hekk, is-sena d-dieħla, il-grupp jagħlaq 25 sena u jkun xieraq li norganizzaw ġimgħa ta' attivitajiet. It-tielet Sotto Kumitat (3) se jkun fuq proposti li bħala Minus One nixtieq li nwasslu lill-Awtoritajiet, dejjem bl-iskop li ntejbu l-ħajja tar-romol jew almenu ssir anqas diffikultuża. Dan is-Sotto Kumitat se jkun immexxi minn Marthese Camilleri.

Sotto Kumitat (4) se jkun jittratta l-midja tal-grupp: YouTube, Website, Newsletter u Facebook. Nixtieq li l-website tkun kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliz. Kont naħseb li l-Website ma tinteressa lil ħadd imma kont żbaljat. Ħafna nies isiru jafu bil-Minus One meta jaraw il-Website. Nixtieq aktar artikli. Dan is-sotto kumitat se jaħdem miegħi fuq hekk.

Għalkemm l-istatut jgħid ċar u tond li jista' jkun il-kumitat stess li jagħżel il-membri għal Sotto Kumitat, u jiena diġà għandi xi membri f'moħħi għal dawn is-Sotto Kumitati, inħoss li għandi nħalli lil kulħadd fil-libertà tiegħu jixtieqx jgħin. Nixtieq li kull Sotto Kumitat ikun magħmul minn 5 membri inkluż il-membru mill-kumitat. Tiddejqux u tistħux toffru l-għajnuna tagħkom. Fil-Volontarjat tagħti ftit imma tirċievi ħafna.

# Cruise Sajf 2022